Il-paragrafu I., is-subparagrafu 2., l-inċiż (a):

— wara "sa 70 °C", għandha tżdied "bl-EN ISO 12185";

— wara "ASTM D 217", għandha tiżdied "metodu ekwivalenti għall-ISO 2137".

Il-paragrafu I., is-subparagrafu 2., l-inċiż (b):

— wara "sa 70 °C", għandha tżdied "bl-EN ISO 12185";

— wara "imkejjel skont il-": għandha titħassar "ASTM D 5" u tinbidel b' "EN 1426";

— wara "Ara wkoll il-grafika ta' hawn taht", għandha titħassar "([1])", ir-referenza għan-nota f'qiegħ il-paġna nru 1.

*Paġna 118*

**Nota f'qiegħ il-paġna nru 1:**

Għandha titħassar din in-nota f'qiegħ il-paġna: "([1]) Fejn prodott jinstab li jkun iebes wisq għat-test tal-penetrazzjoni bil-kon skont il-metodu ASTM D 217, it-test tal-penetrazzjoni bil-kon għandu jiġi applikat skont il-metodu ASTM D 937."

**Grafika**

Emenda l-grafika kif ġej:




*Paġna 119*

**2710 11 21**

Għandha titħassar il-frażi "It-terminu 'il-metodu Abel-Pensky' tfisser il-metodu DIN (Deutsche Industrienormen) 51755 – Marzu 1974, ippubblikat mid-DNA (Deutsche Normenausschuß), Berlin 15."

**2710 19 11 sa 2710 19 29**

Wara "għal dan il-Kapitolu", għandhom jiżdiedu t-test u ċ-ċifri li ġejjin:

**Is-subintestatura 2710 19 21**

Din is-subintestatura tkopri fjuwil tal-ġettijiet tat-tip tal-pitrolju. Dan il-fjuwil tal-ġettijiet huwa konformi mad-dispożizzjonijiet tan-Nota Addizzjonali 2 (c) ma' dan il-Kapitolu.

Il-profil kromatografiku tal-gass tal-fjuwil tal-ġettijiet tat-tip pitrolju, pereżempju l-aktar fjuwil tal-ġettijiet użat komunament A-1, huwa karatteristiku ta' żejt miksub biss bil-proċess tad-distillazzjoni ta' żejt mhux raffinat. It-tul tal-katina tal-alkani tvarja bejn madwar 10 u 18-il atomu tal-karbonju. Il-medda ta'

distillazzjoni skont il-metodu EN ISO 3405 ekwivalenti għall-metodu ASTM D 86 hija ta' bejn 130 °C sa 300 °C. Il-kontenut aromatiku jista' jkun sa 25 % tal-volum. Il-punt ta' fjammabbiltà tiegħu huwa ġeneralment ogħla minn 38 °C skont il-metodu ISO 13736.

Il-fjuwil tal-ġettijiet jista' jkun fih l-addittivi li ġejjin: antiossidanti, inibituri tal-korrużjoni, inibituri tal-iffriżar, żebgħat għall-ittraċċar.

*Paġna 120*

**Profil kromatografiku tal-gass tal-fjuwil tal-ġettijiet tip A-1 (pitrolju)**

Verżjoni 7.1,0,0

## SIMDIS ASTM D 2887 Extended 2

| | | | |
|---|---|---|---|
| Isem il-kampjun | : Fjuwil tal-ġettijiet | | |
| Meħud | : 3/22/2007 5:51:24 PM | Fjala | : 1 |
| Ipproċessat | : 4/4/2007 12:01:26 PM | Injezzjoni | : 1 |
| Fajl tad-dejta | : D070322\011F1101.D | | |




## ASTM D 86 korrelazzjoni (STP 577) - distribuzzjoni

| Volum Irkuprat% | Punt tat-Togħlija °C | Volum Irkuprat% | Punt tat-Togħlija °C | Volum Irkuprat% | Punt tat-Togħlija °C | Volum Irkuprat% | Punt tat-Togħlija °C |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Punt tat-Togħlija Inizjali | 139,7 | 20,0 | 167,3 | 70,0 | 210,1 | Punt tat-Togħlija Finali | 260,7 |
| 5,0 | 153,0 | 30,0 | 174,3 | 80,0 | 221,5 | | |
| 10,0 | 159,4 | 50,0 | 190,1 | 90,0 | 234,9 | | |

*Paġna 121*

**Is-subintestatura 2710 19 25**

Din is-subintestatura tkopri pitrolju għajr fjuwil tal-ġettijiet. Il-pitrolju ta' din is-subintestitura huwa konformi mad-dispożizzjonijiet tan-Nota Addizzjonali 2(c) għal dan il-kapitolu.

Il-karatteristiċi ta' whud minn dawn iż-żjut huma l-kontenut aromatiku u l-kontenut ta' olefini baxxi ħafna tagħhom biex jipprevjenu l-formazzjoni ta' ġmied waqt il-kombustjoni.

F'xi każijiet ikun hemm markaturi kimiċi.

Din is-subintestitura teskludi t-taħlitiet ta' pitrolju u żjut minerali oħra jew solventi organiċi.

**Profil kromatografiku tal-gass tal-pitrolju b'kontenut aromatiku baxx**

Verżjoni 7.1,0,0

**SIMDIS ASTM D 2887 Estiż 2**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Isem il-kampjun | : pitrolju b'kontenut aromatiku baxx | | |
| Meħud | : 1/23/2007 10:23:54 AM | Fjala | : 6 |
| Ipproċessat | : 4/4/2007 12:30:02 PM | Injezzjoni | : 1 |
| Fajl tad-dejta | : D070122\006F1001.D | | |




**ASTM D 86 korrelazzjoni (STP 577) - distribuzzjoni**

| Volum Irkuprat% | Punt tat-Togħlija °C | Volum Irkuprat% | Punt tat-Togħlija °C | Volum Irkuprat% | Punt tat-Togħlija °C | Volum Irkuprat% | Punt tat-Togħlija °C |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Punttat-Togħlija Inizjali | 193,4 | 20,0 | 210,1 | 70,0 | 220,1 | Punttat-Togħlija Finali | 247,3 |
| 5,0 | 201,8 | 30,0 | 211,4 | 80,0 | 223,4 | | |
| 10,0 | 206,2 | 50,0 | 214,8 | 90,0 | 229,6 | | |

*Paġna 122*

**Is-subintestatura 2710 19 29**

Din is-subintestatura tkopri ż-żjut medji minbarra l-pitrolju fis-subintestaturi 2710 19 21 u 2710 19 25. Iż-żjut ta' din is-subintestatura huma konformi mad-dispożizzjonjiet tan-Nota Addizzjonali 2(c) għal dan il-Kapitolu.

Eżempju ta' dawn iż-żjut hija l-n-paraffina

**Ħin ta' Retenzjoni (minuti) Peċentwali**

Verżjoni 7.1,0,0

| **SIMDIS ASTM D 2887 Estiż** | | | **2** |
|---|---|---|---|
| Isem il-kampjun | : n-Paraffin 10-13 | | |
| Meħud | : 1/23/2007 12:59:27 PM | Fjala | : 8 |
| Ipproċessat | : 4/4/2007 12:26:59 PM | Injezzjoni | : 1 |
| Fajl tad-dejta | : D070122\008F1301.D | | |




**Tabella tad-distribuzzjoni BP - Peċentwali**

| Massa Irkuprata% | Punt tat-Togħlija °C | Massa Irkuprata% | Punt tat-Togħlija °C | Massa Irkuprata% | Punt tat-Togħlija °C | Massa Irkuprata% | Punt tat-Togħlija °C |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Punt tat-Togħlija Inizjali | 172,4 | 30,0 | 199,2 | 60,0 | 219,6 | 90,0 | 239,2 |
| 5,0 | 174,8 | 35,0 | 199,6 | 65,0 | 220,2 | 95,0 | 240,0 |
| 10,0 | 176,0 | 40,0 | 200,4 | 70,0 | 220,8 | Punt tat-Togħlija Finali | 254,4 |
| 15,0 | 188,2 | 45,0 | 200,8 | 75,0 | 221,8 | | |
| 20,0 | 197,2 | 50,0 | 217,4 | 80,0 | 237,0 | | |
| 25,0 | 198,4 | 55,0 | 218,8 | 85,0 | 238,2 | | |

Għandhom jinbidlu ċ-ċifri tal-profili kromatografiċi tal-gass kif ġej:

— għalihom kollha, wara "SIMDIS ASTM D 2887 Estiż" tinżied "ekwivalenti għal ISO 3924";

— għaċ-ċifri li jikkonċernaw fjuwil tal-ġettijiet tat-tip a-1 u pitrolju b'livell aromatiku baxx, għandu jitħassar "ASTM D 86 korrelazzjoni (STP 577)-distribuzzjoni", u jinbidel b'"ekwivalenti ta' EN ISO 3405 għal korrelazzjoni ASTM D 86 (STP 577)-distribuzzjoni"

*Paġna 123*

**Tabella tal-karatteristiċi taż-żjut tal-fjuwil**

Għandu jiżdied it-test li ġej:

— wara "kuntenut ta' reżidwu sulfitat", għandha tiżdied "(ISO 3987)"

— wara "indiċi ta' saponifikazzjoni" għandha tiżdied "(ISO 6293-1 jew ISO 6293-2)"

**2710 19 71 sa 2710 19 99**

It-tieni frażi:

— għandha titħassar "ASTM D 86-67" u tinbidel b' "EN ISO 3405"

— wara "metodu", għandha titħassar "(reapprovat 1972)" u għandha tiżdied "(ekwivalenti għall-metodu ASTM D 86)"

*Paġna 124*

Il-paragrafu 2., is-subparagrafu (a):

— għandha titħassar "ASTM D 86-67" u tinbidel b' "EN ISO 3405"

— wara "metodu", għandha titħassar "(reapprovat 1972)" u għandha tiżdied "(ekwivalenti għall-metodu ASTM D 86)"

Il-paragrafu 2., is-subparagrafu (b):

Wara "skont il-": għandha titħassar "ASTM D 445 74" u tinbidel b' "EN ISO 3104".

Il-paragrafu 2., is-subparagrafu (c):

— wara "skont il-": għandha tiżdied "il-metodu ISO 2049 (ekwivalenti għall-"

— wara "il-metodu ASTM D 1500": għandha tiżdied ")"

**Tabella tal-karatteristiċi taż-żjut lubrikanti u ż-żjut oħra**

Għandu jiżdied it-test li ġej:

— wara "kuntenut ta' reżidwu sulfitat", għandha tiżdied "(ISO 3987)"

— wara "indiċi ta' saponifikazzjoni" għandha tiżdied "(ISO 6293-1 jew ISO 6293-2)"

*Paġna 125*

**2712 90 31 sa 2712 90 99**

Il-paragrafu 1.:

Wara "ASTM D 938", għandha tiżdied "metodu ekwivalenti għall-ISO 2207".

Il-paragrafu 2.:

Wara "f'70 °C": għandha tiżdied "EN ISO 12185".

Il-paragrafu 3.:

Wara "ASTM D 217", għandha tiżdied "metodu ekwivalenti għall-ISO 2137".

Il-paragrafu 4.:

— wara "ASTM D 937", għandha tiżdied "metodu ekwivalenti għall-ISO 2137";

— għandha titħassar il-frażi "Jekk prodott jinstab li jkun iebes wisq għat-test tal-penetrazzjoni bil-kon skont il-metodu ASTM D 217, it-test tal-penetrazzjoni bil-kon għandu jiġi applikat skont il-metodu ASTM D 937."

*Paġna 126*

**2713 20 00**

Il-paragrafu 1.:

Wara "ASTM D 938", għandha tiżdied "metodu ekwivalenti għall-ISO 2207".

Il-paragrafu 2.:

Wara "sa 70 °C", għandha tżdied "bl-EN ISO 12185"

Il-paragrafu 3.:

Wara "skont il-": għandha titħassar "ASTM D 5" u tinbidel b' "EN 1426".

**2713 90 10 u 2713 90 90**

Il-paragrafu 2:

Bejn "fi 15 °C" u "jaqbeż" għandha tiżdied "bl-EN ISO 12185"

Il-paragrafu 3:

— għandha titħassar "ASTM D 86-67" u tinbidel b' "EN ISO 3405"

— wara "metodu", għandha titħassar "(reapprovat 1972)" u għandha tiżdied "(ekwivalenti għall-metodu ASTM D86)"

*Paġna 127*

**2715 00 00**

Il-paragrafu 2., is-subparagrafu (a), il-ħames frażi, l-ewwel inċiż:

Wara "imkejjel skont il-": għandha titħassar "ASTM D 5" u tinbidel b' "EN 1426".

Il-paragrafu 2., is-subparagrafu (a), il-ħames frażi, it-tieni inċiż:

— wara "il-metodu ASTM D 1189": għandha tiżdied "(irtirat fl-1979 u ma jeżistix metodu EN/ISO)";

— wara "imkejjel skont il-": għandha titħassar "ASTM D 5" u tinbidel b' "EN 1426".

**Grafika**

Emenda l-grafika kif ġej:



**Wiċċ nazzjonali ġdid tal-muniti tal-euro maħsubin għaċ-ċirkulazzjoni**

(2011/C 189/07)




*Il-wiċċ nazzjonali tal-munita kommemorattiva l-ġdida ta' EUR 2, maħsuba għaċ-ċirkulazzjoni u maħruġa minn Monako*

Il-muniti tal-euro maħsubin għaċ-ċirkulazzjoni għandhom status ta' valuta legali fiż-żona kollha tal-euro. Il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti tal-euro l-ġodda kollha sabiex tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jużaw il-muniti dwar dan ([1]). Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ([2]), l-Istati Membri u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Komunità li jiddisponi l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati joħorġu muniti kommemorattivi tal-euro maħsubin għaċ-ċirkulazzjoni b'ċerti kundizzjonijiet, partikolarment bil-kundizzjoni li dawn ikunu biss muniti ta' EUR 2. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' EUR 2, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikollu disinn kommemorattiv li jkun simboliku ħafna f'termini nazzjonali jew Ewropej.

**Pajjiż emittenti:** Monako

**Suġġett tal-kommemorazzjoni:** iż-żwieġ tal-Prinċep Albert u Charlene

**Deskrizzjoni tad-disinn:**

Il-parti ta' ġewwa tal-munita turi, fiċ-ċentru, ix-xbihat tal-Prinċep Albert u Charlene. Fil-parti ta' isfel jidher isem il-pajjiż emittenti "MONACO" u s-sena tal-ħruġ "2011". Il-marka taz-zekka u l-marka tal-inċiżuri taz-zekka jidhru qabel u wara l-kliem "MONACO 2011" rispettivament.

Iċ-ċirku estern tal-munita juri t-tnax-il (12) stilla tal-bandiera Ewropea.

**Tiratura ta' muniti:** 148 000

**Data tal-ħruġ:** it-2 ta' Lulju 2011

---

([1]) Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

([2]) Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ekonomiku u tal-Affarijiet Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuniet mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuniet mill-Istat lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001

(2011/C 189/08)

**Għajnuna Nru:** SA.33191 (11/XA)

**Stati Membri:** Is-Slovenja

**Reġjun:** Gorenjska

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Podpore programom razvoja podeželja v Občini Jesenice 2011–2013

**Bażi legali:** Pravilnik o dodelitvi pomoči za ohranjanje in razvoj kmetijstva, gozdarstva in podeželja v Občini Jesenice (Uradni list RS, št. 45/11, z dne 10. junija 2011)

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:**

Ammont kumplessiv ta' għajnuna *ad hoc* konċessa lill-impriża: EUR 0,09 (f'miljuni)

Ammont kumplessiv annwali tal-baġit ippjanat taħt l-iskema: EUR 0,03 (f'miljuni)

**Intensità massima tal-għajnuna:** 100 %

**Data tal-implimentazzjoni:** —

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** mit-18 ta' Ġunju 2011 sal-31 ta' Diċembru 2013

**Għan tal-għajnuna:** Investiment f'azjendi agrikoli (Art. 4 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006), Għajnuna teknika (Art. 15 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006), Il-konservazzjoni tal-pajsaġġ u l-bini tradizzjonali (Art. 5 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006), Premiums tal-assigurazzjoni (Art. 12 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006), Tqassim mill-ġdid tal-art (Art. 13 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006)

**Settur jew setturi benefiċjarji:** Produzzjoni ta' għelejjel u annimali, kaċċa u attivitajiet relatati

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Občina Jesenice
Cesta železarjev 6
SI-4270 Jesenice
SLOVENIJA

**Indirizz tal-Internet:**

http://www.uradni-list.si/1/objava.jsp?urlid=201145&objava=2127

**Informazzjoni oħra:** —

---

**Għajnuna Nru:** SA.33194 (11/XA)

**Stati Membri:** Ċipru

**Reġjun:** —

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Σχέδιο Ελέγχου Τρομώδους Νόσου Αιγοπροβάτων

**Bażi legali:**

Άρθρο 03525 του Προϋπολογισμού για το 2011

Άρθρο 03619 του Προϋπολογισμού για το 2011

Ο περί της Εφαρμογής Κοινοτικών Κανονισμών στον Τομέα της Κτηνιατρικής Νόμος του 2004

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** Ammont kumplessiv annwali tal-baġit ippjanat taħt l-iskema: EUR 1,67 (f'miljuni)

**Intensità massima tal-għajnuna:** 100 %

**Data tal-implimentazzjoni:** —

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** mit-22 ta' Ġunju 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011

**Għan tal-għajnuna:** Mard tal-annimali (Art. 10 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006)

**Settur jew setturi benefiċjarji:** Trobbija ta' nagħaġ u mogħoż

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Κτηνιατρικές Υπηρεσίες, Υπουργείο Γεωργίας, Φυσικών Πόρων και Περιβάλλοντος
1471 Λευκωσία/Nicosia
ΚΥΠΡΟΣ/CYPRUS

**Indirizz tal-Internet:**

http://www.moa.gov.cy/moa/vs/vs.nsf/All/74A7A97B0ECC4F01422578B2001F77CE/$file/scrapie%202011b.pdf

**Informazzjoni oħra:** —

**Pubblikazzjoni skont id-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu**

(2011/C 189/09)

**Il-Qorti Gholja tal-Irlanda**

**FIL-KWISTJONI TAL-KUMPANIJA "IRISH LIFE AND PERMANENT PUBLIC LIMITED COMPANY" ("IL&P") U FIL-KWISTJONI TAL-ATT DWAR L-ISTITUZZJONIJIET TA' KREDITU (STABBILIZZAZZJONI) TAL-2010 ("CREDIT INSTITUTIONS (STABILISATION) ACT 2010") ("L-ATT")**

Fid-9 ta' Ġunju 2011, il-Qorti Gholja tal-Irlanda tat Ordinanza skont it-Taqsima 9 tal-Att skont ir-raġunamenti li ġejjin:

L-IL&P (li hija istituzzjoni ta' kreditu lliċenzjata fl-Irlanda) ġiet ordnata tieħu ċerti miżuri b'rabta mat-tħejjija għad-disponiment possibbli tan-negozju u l-assi kollha, jew parti minnhom, tal-kumpanija Irish Life Limited, li hija kumpanija sussidjarja kollha kemm hi tal-IL&P, jew permezz ta' offerta inizjali għall-pubbliku jew permezz tal-bejgħ lill-privat.

Il-Qorti ddikjarat, fost l-oħrajn, li l-Ordinanza u kull parti li hemm fiha hija miżura ta' riorganizzazzjoni għall-finijiet tad-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' April 2001.

Skont it-Taqsima 11 tal-Att, tista' tintbagħat applikazzjoni sabiex l-Ordinanza titwarrab skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fiha, lill-Qorti Għolja tal-Irlanda, li tinsab f'Four Courts, Inns Quay, Dublin 7, l-Irlanda, sa mhux iktar tard minn ħamest ijiem tax-xogħol wara li tkun ingħatat l-Ordinanza.

Skont it-Taqsima 64(2) tal-Att ma jista' jsir l-ebda appell bis-saħħa tal-Ordinanza quddiem il-Qorti Suprema mingħajr il-kunsens tal-Qorti Għolja.

Il-kopji sħaħ tal-Ordinanza huma disponibbli mill-Uffiċċju Ċentrali tal-Qorti Għolja permezz tal-posta elettronika fuq l-indirizz: listroomhighcourt@courts.ie

V

*(Avviżi)*

## PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

### Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

**(Każ COMP/M.6172 – Daimler/Rolls-Royce/Tognum/Bergen)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/C 189/10)

1. Fis-17 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha Daimler AG ("Daimler", il-Ġermanja) u Rolls-Royce Group plc ("Rolls-Royce", ir-Renju Unit), permezz ta' Engine Holding GmbH (il-Ġermanja), jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt indirett ta' Tognum AG ("Tognum", il-Ġermanja) u tan-negozju Bergen ta' Rolls-Royce ("Bergen", in-Norveġja), permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Daimler: il-manifattura u l-bejgħ ta' karozzi u vetturi kummerċjali renomati, kif ukoll il-forniment ta' servizzi finanzjarji tal-karozzi inkluż l-iffinanzjar, il-kiri, l-assigurazzjoni u l-ġestjoni tal-flotot,

— għal Rolls-Royce: l-iżvilupp u l-manifattura ta' magni tal-inġenji tal-ajru ċivili u sistemi tal-enerġija għal applikazzjonijiet aerospazjali, marittimi u tal-enerġija. Rolls-Royce topera wkoll negozju marittimu fejn tiddisinja vapuri u tipproduċi tagħmir marittimu bħal sistemi ta' propulsjoni tal-vapuri, makkinarju tal-gverta u apparat tat-tmun. Permezz ta' Bergen, Rolls-Royce hi wkoll attiva fl-iżvilupp, il-manifattura u l-bejgħ ta' magni 'reciprocating' u settijiet ta' ġeneraturi, tad-diżil u tal-gass, għal applikazzjonijiet 'off-highway' (bħal applikazzjonijiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija u dawk marittimi),

— għal Engine Holding GmbH: mezz ta' akkwist b'għan speċjali li l-għan uniku tagħha kien li tagħti bidu għall-offerta ta' akwist totali tal-ishma kollha pendenti ta' Tognum u, sussegwentement, biex iżżomm u tiġġestjona l-ishma f'Tognum u f'Bergen-Company,

— għal Tognum: l-iżvilupp, il-manifattura u l-bejgħ ta' magni 'reciprocating' u settijiet ta' ġeneraturi, tad-diżil u tal-gass, għal applikazzjonijiet 'off-highway' (bħal applikazzjonijiet industrijali, applikazzjonijiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija u applikazzjonijiet marittimi).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6172 – Daimler/Rolls-Royce/Tognum/Bergen, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

**Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni**

**tat-3 ta' Mejju 2011**

**li tħassar ċerti impenji fid-Deċiżjoni 98/526/KE fil-Każ IV/M.950 – Hoffmann-La Roche/Boehringer Mannheim fir-rigward tas-suq tas-sondi tad-DNA**

**(Każ IV/M.950 – Hoffmann-La Roche/Boehringer Mannheim)**

*(notifikata bid-dokument numru C(2011) 2981 finali)*

**(il-verżjoni bl-Ingliż biss hija awtentika)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/C 189/11)

*Fit-3 ta' Mejju 2011 il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni f'każ ta' amalgamazzjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi* ([1]), *u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) ta' dak ir-Regolament. Verżjoni mhux kunfidenzjali tad-Deċiżjoni sħiħa hija disponibbli fl-ilsien awtentiku tal-każ u fl-ilsna proċedurali tal-Kummissjoni fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni, fl-indirizz li ġej:*

*http://ec.europa.eu/comm/competition/index_en.html*

## I. MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

(1) Fl-4 ta' Frar 1998 il-Kummissjoni adottat deċiżjoni fil-każ IV/M.950 Hoffmann-La Roche/Boehringer Mannheim ("id-Deċiżjoni") fejn iddikjarat li l-operazzjoni li biha l-impriża Hoffmann-La Roche Ltd ("Roche", l-Isvizzera) akkwistat, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4064/98, il-kontroll tal-impriża Boehringer Mannheim ("BM", il-Ġermanja), kienet kompatibbli mas-suq komuni, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet u obbligi.

(2) Id-Deċiżjoni tistqarr li Roche kellha pożizzjoni dominanti fis-suq mifrux fiż-ŻEE fir-rigward tas-sondi tad-DNA li setgħat tiġi msaħħa b'riżultat tal-akkwist tal-kontroll ta' BM minħabba li BM kienet parteċipant ġdid potenzjali wara li kienet investiet sforzi sostanzjali biex tippożizzjona ruħha fis-suq tas-Sondi tad-DNA. Roche issottomettiet impenji li saru vinkolanti fid-Deċiżjoni.

(3) Parti minn dawn l-impenji kienu jikkonsistu fl-għoti ta' aċċess minn Roche għat-teknoloġija tagħha ta' Reazzjoni Katina tal-Polymerase (Polymerase Chain Reaction "PCR") lill-parteċipanti kollha fis-suq li kienu interessati fuq bażi nondiskriminatorja skont it-termini tal-liċenzji "Wiesgħa" u "Immirati".

(4) L-impenji fid-Deċiżjoni ma kinux jinkludu xi tip ta' qafas ta' żmien, data ta' skadenza jew klawsola ta' reviżjoni.

(5) Fl-24 ta' Settembru 2008 Roche indirizzat talba lid-DĠ COMP għal rinunzja tal-impenji.

(6) L-investigazzjoni tad-DG COMP turi li mindu ġiet adottata d-Deċiżjoni, Roche tat 35 liċenzja ta' PCR skont l-ambitu tal-impenji, inkluż "liċenzji wiesgħa" mogħtija lil xi wħud mill-kompetituri ewlenin tagħha. Dan wassal għal żieda fin-numru ta' parteċipanti sinnifikanti attivi fis-suq tas-sondi tad-DNA taż-ŻEE. Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira mill-119-il privattiv relatati mal-PCR, li Roche impenjat li tagħtihom aċċess fuq il-bażi tal-impenji (inkluż il-privattivi fundamentali), skadew.

(7) Il-partijiet terzi interessati ġew ikkonsultati. Ir-riżultati tal-konsultazzjoni juru li r-rinunzja tal-impenji ma tistax taffettwa l-effettività tagħhom peress li dawn għamlu l-parti tagħhom (jiġifieri kkompensaw il-kompetizzjoni potenzjali mitlufa li tirriżulta mill-akkwist ta' BM minn Roche), huma ma jirriflettux aktar il-bżonnijiet tas-suq u r-rinunzja tagħhom għandha effett newtrali fuq id-drittijiet tal-partijiet terzi.

(8) Barra minn hekk, riċentement Roche tat numru ta' liċenzji mhux skont l-impenji u b'hekk uriet li hi lesta li tagħti liċenzji minkejja n-nuqqas tal-obbligu li tagħmel dan.

## II. KONKLUŻJONI

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, id-deċiżjoni abbozz tirrinunzja l-Impenji relatati mas-sondi tad-DNA stabbiliti fil-Parti VI-B tad-Deċiżjoni 98/526/KE b'effett mid-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.6291 – CD&R Fund VIII/SPIE)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/C 189/12)

1. Fit-23 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni rċeviet notifikazzjoni ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha Clayton, Dubilier & Rice Fund VIII, L.P. li għandha l-uffiċċju reġistrat fil-Gżejjer Cayman u li hija proprjetà tal-Grupp Clayton, Dubilier & Rice group ("CD&R", l-Istati Uniti) takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll totali ta' Financière SPIE S.A.S. ("SPIE", Franza), permezz tal-akkwist ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Għal CD&R: grupp ta' investiment f'ekwità privata,

— Għal SPIE: Fornitur ta' servizzi multitekniċi li jinkludu l-provvista ta' servizzi elettriċi, ta' ventilazzjoni għat-tisħin u arja kundizzjonata u ta' inġinerija mekkanika lil klijenti industrijali, kummerċjali u tas-settur pubbliku u ta' servizzi lis-setturi tan-nukleari, taż-żejt u tal-gass, tal-komunikazzjoni u tat-teknoloġija informatika (IT).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6291 – CD&R Fund VIII/SPIE, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

# ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel**

(2011/C 189/13)

Din il-pubblikazzjoni tagħti d-dritt li wieħed joġġezzjona għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 [1]. L-istqarrijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu għand il-Kummissjoni Ewropea fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

DOKUMENT UNIKU

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**"RHEINISCHES ZUCKERRÜBENKRAUT/RHEINISCHER ZUCKERRÜBENSIRUP/RHEINISCHES RÜBENKRAUT"**

**Nru tal-KE: DE-PGI-0005-0717-02.09.2008**

**IĠP ( X ) DPO ( )**

1. **Isem:**

"Rheinisches Zuckerrübenkraut/Rheinischer Zuckerrübensirup/Rheinisches Rübenkraut"

2. **Stat Membru jew pajjiż terz:**

Il-Ġermanja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel:**

3.1. *It-tip ta' prodott:*

Il-kategorija 1.6 – Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem mogħti fil-punt 1:*

Il-meraq ikkonċentrat pur u naturali tal-pitravi li jkun għadu kemm inqala', li ma jkunx fih fibri tal-ħaxix jew xi ingredjent ieħor miżjud wara.

— Id-dehra tal-prodott: ġulepp kannella skur li huwa magħqud ħafna

— It-togħma tal-prodott: togħma ħelwa u tfakkrek fix-xgħir

— Ir-riħa tal-prodott: riħa ħelwa, ta' xgħir u karamelli

— Il-kontenut aħħari taz-zokkor (b'tolleranza ta' iktar jew inqas minn 3 % f'kull każ)

Sukrożju: 33 %

Glukożju: 17 %

[1] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

Fruttożju: 16 %

— Gradi fuq il-miżien brix: valur ta' mill-inqas 78 fuq il-miżien brix

— *pH*: minn 4,4 sa 5,0

— Kontenut tal-ilma: ammont massimu ta' 22 %

— Ħadid: mill-inqas 10 milligrammi għal kull 100 gramma

— Manjeżju: mill-inqas 70 milligramma għal kull 100 gramma

— Potassju: mill-inqas 50 milligramma għal kull 100 gramma

— Vitamina B ("folic acid"): mill-inqas 90 mikrogramma għal kull 100 gramma

— Il-ġulepp tal-pitravi jsir mingħajr ma jiżdied kwalunkwe addittiv miegħu. Il-prodott isir fiż-żmien meta l-pitravi jkun għadu kemm inqala', jiġifieri mill-perjodu lejn tmiem is-sajf sar-rebbiegħa. Il-metodu tradizzjonali tal-produzzjoni, adattat biex ikun konformi mar-rekwiżiti tal-liġijiet tal-lum dwar l-oġġetti tal-ikel, huwa dan li ġej:

— Il-wasla tal-prodotti/il-kwalità: il-kunsinna tal-pitravi li jkun għadu kemm inqala'.

— Eżami tal-pitravi li jkun wasal biex jiġi aċċettat jew le: stabbiliment tal-kontenut taz-zokkor sabiex jiġu ddefiniti l-parametri operattivi meħtieġa (it-temperatura, it-tul ta' żmien tal-proċess tat-tisjir, eċċ.). Eżami viżwali biex jiġi stabbilit jekk il-pitravi għadx fih ħamrija u weraq miegħu.

— Il-ħżin: ħżin għal żmien qasir, kemm għand il-bidwi kif ukoll fil-postijiet tal-ipproċessar, il-koordinazzjoni ta' meta jinqala' u meta jitwassal il-pitravi.

— Trattament qabel ma jsir iktar ipproċessar: il-ħasil minn qabel; it-tneħħija tal-weraq, tal-ħamrija u tal-ġebel; u fl-aħħar nett it-tindif fil-magna għall-ħasil tal-pitravi.

— L-ipproċessar: l-ipproċessar iseħħ fiż-żona ġeografika identifikata. Il-pitravi jitħalla sħiħ kif inhu, jew jitqatta' f'biċċiet żgħar biex jiġi pproċessat. Il-maxx jissaħħan għal diversi sigħat u jitgħalla bil-mod. Wieħed irid joqgħod attent li jħalli l-maxx joqgħod għal biżżejjed ħin. It-tul ta' żmien tal-proċess tat-tisjir u t-temperatura li tintuża matulu jiddependu mit-tradizzjoni tal-kumpanija. Il-maxx tal-pitravi mbagħad jingħasar bi pressjoni għolja sabiex minnu jinħareġ il-meraq mhux imsoffi. Il-meraq mhux imsoffi mbagħad jingħadda minn passaturi sabiex minnu jitneħħew il-partijiet solidi kważi kollha. Wara dan, il-meraq imsoffi jiddaħħal fit-tagħmir tal-evaporazzjoni. F'dan it-tagħmir, il-meraq imsoffi jitneħħielu l-ilma bil-mod permezz ta' vakwu. Il-prodott aħħari jkollu kontenut tal-materja niexfa b'valur ta' mill-inqas 78 fuq il-miżien brix. Qabel ma jinħażen, il-prodott aħħari jiġi analizzat fl-impjant tal-ipproċessar għall-affarijiet li ġejjin: il-valur tal-*pH*, il-lewn, is-sukrożju, il-fruttożju, il-glukożju u l-materja niexfa. Barra minn hekk, il-prodott aħħari jiġi eżaminat b'mod regolari minn laboratorju estern. Il-ġulepp tal-pitravi li jinkiseb minn dan il-proċess jinħażen f'tankijiet u mbagħad ikun jista' jittieħed minn hemmhekk għall-ippakkjar aħħari.

3.3. *Il-materja prima (għall-prodotti pproċessati biss):*

Il-pitravi kollu li jintuża bħala materja prima jrid jiġi kollu kemm hu miż-żona ġeografika identifikata.

Tradizzjonalment, il-pitravi li jintuża biex isir il-ġulepp tal-pitravi jiġi biss mill-bdiewa tar-reġjun li jkabbru l-pitravi.

3.4. *L-għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss):*

—

3.5. *L-istadji speċifiċi tal-produzzjoni li għandhom isiru fiż-żona ġeografika identifikata:*

Il-proċess kollu tal-produzzjoni jseħħ fiż-żona ġeografika identifikata.

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, il-ħakk, l-ippakkjar, eċċ.:*

—

3.7. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar:*

—

4. **Deskrizzjoni qasira taż-żona ġeografika:**

Ir-reġjun ta' madwar ix-xmara Rhein (ir-Rheinland) – fir-reġjun ta' Nordrhein-Westfalen, din iż-żona tinkludi d-distrett amministrattiv ta' Cologne (ħlief għad-distrett ta' Oberbergisch) u d-distretti u l-bliet li ġejjin fid-distrett amministrattiv ta' Düsseldorf: id-distrett ta' Mettmann, il-belt ta' Düsseldorf, id-distrett tar-Rhein ta' Neuss, il-belt ta' Mönchengladbach, id-distrett ta' Viersen, il-belt ta' Krefeld, id-distrett ta' Kleve u d-distrett ta' Wesel; waqt li fir-reġjun ta' Rheinland-Pfalz, din iż-żona tinkludi d-distrett ta' Ahrweiler u d-distrett ta' Mayen-Koblenz.

5. **Rabta maż-żona ġeografika:**

5.1. *L-ispeċifiċità taż-żona ġeografika:*

It-tradizzjoni tat-tisjir tal-pitravi biex minnu jsir il-ġulepp ilha teżisti għal eluf ta' snin fir-Rheinland u wasslet biex il-proċess tal-produzzjoni u t-togħma ta' dan il-prodott jittejbu kemm jista' jkun. Dan l-għarfien ingħadda minn ġenerazzjoni għall-oħra. Fl-erbatax u l-ħmistax-il seklu, il-pitravi sar wieħed mill-uċuħ tar-raba' mkabbrin b'mod kostanti fir-Rheinland u mill-ħmistax-il seklu 'l quddiem, il-bdiewa kellhom iħallsu lis-sidien tar-raba' biex ikabbru dan il-prodott. Fil-bidu tas-seklu sbatax, il-Gwerra ta' tletin sena wasslet biex kien hemm nuqqas ta' ikel, u kien iktar faċli li wieħed ikabbar il-pitravi milli wċuħ oħra tar-raba', ħaġa li kienet twassal għal ħsad ikbar ukoll. Fir-Rheinland, bħal f'postijiet oħrajn fejn il-gwerra ma kinetx qed taffettwa lin-nies daqshekk, in-nies setgħu jinvestu l-ħin u l-isforzi meħtieġa biex ikabbru l-pitravi abjad u ħelu.

Illum il-ġurnata ma nistgħux ngħidu eżatt meta l-ġulepp tal-pitravi beda jsir fir-Rheinland, iżda wisq probabbli ilu jeżisti bħala prodott komuni mit-tmintax-il seklu. Iċ-ċentru tal-produzzjoni tal-ġulepp tal-pitravi huwa fir-reġjun tan-naħa t'isfel tax-xmara Rhein. Madwar l-1860, mit-309 produttur tal-ġulepp tal-pitravi li kien hemm fl-istat tal-Prussja, 63 kienu jinsabu fid-distrett ta' Grevenbroich. Fil-bidu, il-ġulepp tal-pitravi kien isir mill-pitravi għall-għalf jew mill-karrotti. Fid-dsatax-il seklu ġie stabbilit il-pitravi għall-għalf tat-tip imsejjaħ "Lanker Rübe" li kien jitkabbar fir-reġjun tan-naħa t'isfel tax-xmara Rhein. Fit-tieni nofs ta' dak is-seklu, il-prodott beda jiġi magħmul dejjem iktar mill-pitravi. Reġistri annwali tal-kamra tal-kummerċ ta' Cologne li jmorru lura għal madwar l-1870 juru li kienu jiġu prodotti madwar 6 000 sa 10 000 "Zehnter" (jiġifieri bejn 300 u 500 tunnellata) ta' ġulepp tal-pitravi kull sena.

Barra minn hekk, il-ġulepp tal-pitravi jingħata bħala ingredjent importanti u tradizzjonali f'diversi riċetti tipiċi ta' dan ir-reġjun, bħal f'dik tal-platt magħmul mil-laħam taċ-ċanga mmarinat imsejjaħ "Rheinischer Sauerbraten" u f'dik tal-kejk magħmul mill-ġulepp u mħawwar bil-ġinġer imsejjaħ "Aachener Printen". It-tradizzjoni twila tal-produzzjoni tal-ġulepp tal-pitravi fir-Rheinland tidher ukoll fil-lingwa tal-post – in-nies tal-post isejħu 'l dan il-ġulepp "Rübenkraut", u qabel kienu jsejħulu "Rüöwenkrut" jew "Röbenkraut". Dan l-isem għadu jintuża u jinftiehem sal-ġurnata tal-lum, mhux biss fir-Rheinland, iżda wkoll 'il barra minn dan ir-reġjun. Qabel ma kienu jafu li l-pitravi għall-għalf seta' jintuża biex jiġi prodott iz-zokkor, in-nies kienu jużawh bħala ħaxix. Il-ġulepp magħmul mill-pitravi għall-għalf beda jissejjaħ "Rübenkraut", ukoll minħabba s-similarità tiegħu mal-ġulepp magħmul mit-tuffieħ, li kien jissejjaħ "Apfelkraut".

Fil-figura numru 2 fil-ktieb ta' Block maħruġ fl-1920 f'Leipzig u msejjaħ "Rübensirup — Seine Herstellung, Beurteilung und Verwendung" ("Il-ġulepp tal-pitravi – il-produzzjoni, il-valutazzjoni u l-użu tiegħu"), wieħed jista' jara li l-fabbriki li jipproduċu l-ġulepp tal-pitravi huma kkonċentrati fir-Rheinland (fil-grafika dawn jidhru bħala ċrieki mimlija bl-iswed). Il-fabbriki li jipproduċu z-zokkor kienu mifruxin mal-imperu Ġermaniż kollu, iżda ftit li xejn kont issibhom fir-Rheinland. Madankollu, f'dan ir-reġjun kien hemm imbagħad konċentrazzjoni enormi ta' fabbriki li jipproduċu l-ġulepp tal-pitravi li ma kont issibha mkien iktar. Anke llum il-ġurnata l-ġulepp tal-pitravi għadu jiġi prodott fi kwantitajiet kbar ħafna f'dan ir-reġjun.

5.2. *L-ispeċifiċità tal-prodott:*

Il-metodu tradizzjonali tal-produzzjoni, li jsir b'attenzjoni kbira u li ilu jintuża b'mod tradizzjonali f'dan ir-reġjun, jiżgura li l-prodott aħħari jkun fih minerali ta' valur kbir bħall-manjeżju u l-ħadid. Barra minn hekk, il-prodott fih ukoll il-potassju u l-vitamina B ("folic acid"). Huwa jsir mingħajr ma jiżdied kwalunkwe addittiv miegħu.

— Minħabba t-togħma partikolarment ħelwa u ta' xgħir li ma tista' titqabbel ma' xejn, li bħar-riħa ħelwa, ta' xgħir u ta' karamelli tiegħu, ġejja mill-metodu ta' produzzjoni li jsir b'attenzjoni kbira, dan il-prodott huwa tajjeb ferm biex jiddellek fuq il-ħobż, u wkoll biex jintuża bħala ingredjent li jagħti togħma tajba fit-tisjir fuq in-nar u fil-forn.

Il-prodott ilu magħruf sewwa għal ħafna żmien, u ilu żmien twil igawdi minn reputazzjoni tajba, b'mod partikulari fir-Rheinland, iżda wkoll lil hinn minn dan ir-reġjun. Il-fama u l-għarfien ta' dan il-prodott ġejjin mill-istorja twila tiegħu fiż-żona ġeografika.

5.3. *Ir-rabta każwali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DPO) jew il-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew il-karatteristiċi l-oħra tal-prodott (għall-IĠP):*

Il-fama tajba ta' dan il-prodott ġejja mill-oriġini ġeografika tiegħu.

Il-prodott imsejjaħ "Rübenkraut" ġie żviluppat fir-Rheinland u baqa' jiġi prodott hemmhekk minn dak iż-żmien 'l hawn. Dejjem kien jiġi prodott minn pitravi mkabbar fir-reġjun stess. Waħda mir-raġunijiet għaliex il-prodott igawdi minn fama daqshekk tajba hija proprju minħabba dan il-fatt, li l-pitravi li jintuża jkun ġej miż-żona tal-produzzjoni. L-oriġini lokali tal-unika materja prima użata biex isir dan il-prodott, jiġifieri l-pitravi, hija marbuta mal-awtentiċità tal-prodott b'mod li dawn ma jistgħux jinfirdu minn xulxin.

Illum il-ġurnata l-ġulepp tal-pitravi għadu jsir kważi eżatt bl-istess mod bħalma kien isir fis-sekli li għaddew. Minn dejjem kien jiġi pproċessat biss pitravi li jkun ġej miż-żona ġeografika. Din hi wkoll waħda mir-raġunijiet għaliex hemm daqshekk fabbriki li jipproduċu l-ġulepp tal-pitravi fir-Rheinland, hekk kif muri fil-mappa mehmuża ma' dan id-dokument. Fir-Rheinland għadhom jitkabbru kwantitajiet kbar ta' pitravi, hekk kif kien isir qabel. Il-biċċa l-kbira minnhom jintużaw għall-produzzjoni taz-zokkor, iżda għadd sinifikanti minnhom jiġi pproċessat biex minnu jsir il-ġulepp tal-pitravi.

Tradizzjonalment, il-pitravi li jintuża biex isir il-ġulepp tal-pitravi jiġi biss mill-bdiewa tar-reġjun li jkabbru l-pitravi. Il-pitravi jitkabbar abbażi ta' arranġament kuntrattwali bejn il-proċessuri u l-bdiewa, u b'hekk il-bdiewa jistgħu jingħataw pariri komprensivi. Dan wassal biex sar hemm kooperazzjoni bejn il-bdiewa u l-proċessuri li hija allinjata u trasparenti u li tista' tiġi ċċekkjata. Permezz ta' garanzija tal-bejgħ, dan l-arranġament jiżgura wkoll li l-bdiewa li jkabbru l-pitravi jkollhom il-bażi u s-sigurtà meħtieġa biex jippjanaw għall-ġejjieni. Il-kwalità tal-pitravi tiġi ċċekkjata b'mod regolari permezz ta' analiżi identika ta' diversi parametri kimiċi.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott:**

(L-Artikolu 5(7) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006)

fit-taqsima 7a-aa tal-volum 5 tal-"Markenblatt" tal-1 ta' Frar 2008, p. 26285

http://register.dpma.de/DPMAregister/geo/detail.pdfdownload/83

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel**

(2011/C 189/14)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ([1]). Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

DOKUMENT UNIKU

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**"MELON DE GUADELOUPE"**

**Nru KE: FR-PGI-0005-0844-18.01.2011**

**IĠP ( X ) DPO ( )**

1. **Isem:**

"Melon de Guadeloupe"

2. **Stat Membru jew pajjiż terz:**

Franza

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel:**

3.1. *Tip ta' prodott:*

Klassi 1.6: Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati.

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f'(1):*

Dan il-bettieħ huwa prodott tal-istaġun, li jinħasad bejn Novembru u Ġunju, u jiġi kkultivat fl-għelieqi (mingħajr ma jitgħatta jew jingħata kenn).

Il-"melon de Guadeloupe" huwa bettieħ tat-tip Charentais isfar, sħiħ, li jidher frisk u sod, u b'piż ta' mill-inqas 450 gramma.

Huwa għandu qoxra ta' kulur li jxaqleb lejn l-aħdar, lejn l-isfar jew inkella ta' kulur isfar. Meta jkun matur kif suppost, huwa jkollha ċirku żejtni jew xi qasmiet irqaq minn fejn ikun imqabbad il-pedunkulu.

Dan il-bettieħ jista' jkollu xi difetti żgħar fil-forma, fil-kulur jew fil-qoxra tiegħu bil-kundizzjoni li dawn ma jippreġudikawx id-dehra ġenerali, il-kwalità, il-konservazzjoni u l-preżentazzjoni tal-prodott.

Il-"melon de Guadeloupe" huwa ħelu ħafna. L-indiċi riffratometriku mitlub huwa mill-inqas ta' 12 Brix.

Huwa għandu togħma ħelwa, b'bosta aromi, b'riħa tfuħ u b'qalba li tinħall. Din il-qalba għandha kulur oranġjò u żżomm partikolarment tajjeb.

Kull sena, il-grupp iwettaq testijiet ta' għażla fost il-varjetajiet tat-tip Charentais isfar miktubin fil-Katalogu Uffiċjali tal-Ispeċijiet u tal-Varjetajiet u jagħżel dawk adattati għall-kundizzjonijiet lokali u li jistgħu jikkorrispondu għall-karatteristiċi mistennija minn "melon de Guadeloupe". Il-varjetajiet li jgħaddu mit-test ta' introduzzjoni u mit-test ta' konferma biss jiġu awtorizzati.

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

3.3. *Materja prima (għall-prodotti pproċessati biss):*

—

3.4. *Għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss):*

—

3.5. *Stadji speċifiċi fil-produzzjoni li għandhom isehhu fiż-żona ġeografika identifikata:*

L-operazzjonijiet tal-kultivazzjoni u tal-ħsad jitwettqu fiż-żona ġeografika.

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-tħakkik, l-ippakkjar, eċċ.:*

Il-perjodu ta' żmien għat-trasport bejn il-ħsad tal-bettieħ u l-wasla tiegħu fl-impjant ma jaqbiżx l-erba' sigħat. L-impjanti jwettqu spezzjoni tal-lottijiet imbagħad jaħsluhom, u jagħżlu l-frott manwalment waħda waħda skont id-dispożizzjonijiet tal-ispeċifikazzjoni.

L-ippakkjar użat huwa pakketti individwali u/jew tilari (b'saff wieħed).

3.7. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar:*

Fuq kull ippakkjar għandu jkun hemm:

— isem l-IĠP "Melon de Guadeloupe",

— il-logo tal-IĠP.

Fuq kull frotta għandha titwaħħal stiker b'"Melon de Guadeloupe".

4. **Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika:**

Iż-żona ġeografika hija magħmula mit-territorju ta' għaxar communes tal-Gwadelup maqsuma bejn żewġ "gżejjer" ta' dan l-arċipelagu:

— Grande Terre, bil-communes li ġejjin: Saint François, Sainte Anne, Le Moule, Morne à L'eau, Petit Canal, Anse Bertrand, Port Louis.

— il-gżira ta' Marie-Galante, li tinkludi l-communes li ġejjin: Grand Bourg, Capesterre, Saint Louis.

Din iż-żona, li tikkorrispondi għaż-żona fejn hija stabbilita l-produzzjoni tal-"melon de Guadeloupe", hija kkaratterizzata minn kundizzjonijiet pedoklimatiċi partikolari, li jiffavorixxu produzzjoni ta' bettieħ ta' kwalità.

5. **Rabta maż-żona ġeografika:**

5.1. *Speċifiċità taż-żona ġeografika:*

Fatturi naturali

Il-Gwadelup hija żona tropikali bi staġun niexef (jew "*carême* (nixfa)"), li jdum prinċipalment minn Diċembru sa April. Madankollu, ix-xhur minn Novembru sa Ġunju jinkludu maġġoranza ta' jiem xemxin.

Iż-żona ġeografika tinsab fuq in-naħa li tagħti fuq l-Atlantiku ta' Grande Terre u fuq Marie Galante, li huma reġjuni li jinħakmu mir-riħ u li fihom tinżel inqas xita milli fin-naħa interna tal-artijiet. Minħabba l-mod kif inhuma esposti, dawn iż-żoni huma iktar b'saħħithom u hemm inqas infestazzjonijiet minn parassiti milli f'reġjuni oħrajn tal-Gwadelup.

Grand-Terre, bħal Marie-Galante, hija magħmula minn bażi ta' kalċju li ġej mill-qroll, liema bażi tkun mgħollija 'l fuq u li fl-imgħoddi tgħattiet minn irmied u lava mitfugħa mill-vulkani li pproduċew ħamrija karatteristika.

Din iż-żona, fejn isseħħ il-kultivazzjoni tal-bettieħ, hija kkaratterizzata minn ħamrija taflija li tintefaħ, imqassma f'toposekwenzi ta' ħamrija tat-tip vertisol u ta' ħamrija kalċimanjeżika ftit jew wisq fondi u bil-ġebel. It-tafal li jintefaħ jagħti lil din il-ħamrija kapaċità ferm għolja għal skambju katjoniku, ġeneralment saturata fil-parti l-kbira bil-kalċju. Il-proporzjon ta' kalċju/manjeżju huwa l-aħjar possibbli għall-bettieħ. Il-potassju jżomm sew, il-fosfru ġeneralment ma jiġix iddegradat. B'pH li jvarja minn newtru għal ftit bażiku, din il-ħamrija fiha għadd kbir ta' minerali. L-abbundanza ta' kalċju li jista' jkun skambjat twassal sabiex, minkejja li din il-ħamrija fiha bosta tafal li jintefaħ, hija għandha stabbilità strutturali kbira.

Billi t-tafal jibqa' magħqud u miġbur fi trofof, din il-ħamrija min-naħa l-waħda ma tantx hija suġġetta għal erożjoni minkejja x-xita tropikali intensiva, u mill-oħra, għandha riżerva ta' ilma disponibbli sinifikanti f'mikropori tubulari ta' oriġini bijoloġika ferm stabbli. Dawn il-karatteristiċi favorevoli għall-bettieħ jdumu għal tul ta' żmien, sakemm il-ħamrija ma tinħadimx iżżejjed.

Fatturi umani

Għalkemm il-bettieħ ilu jiġi kkultivat fil-Gwadelup sa mis-seklu 17, meta dan kien importat mill-kolonizzaturi, huwa biss matul it-Tieni Gwerra Dinjija li jinsabu traċċi miktubin tal-preżenza tal-bettieħ fis-suq lokali.

Minn tmiem is-snin 70 u l-bidu tas-snin 80, il-produzzjoni tal-Gwadelup bdiet torganizza ruħha taħt il-protezzjoni ta' Etienne CRANE. Saru ftehimiet għal esportazzjonijiet inkroċjati ma' gruppi ta' Franza metropolitana, u l-bettieħa kienet fost il-prodotti magħżula.

Mill-1984, ġiet stabbilita kollaborazzjoni bejn is-Sinjuri CRANE, BOYER u FABRE sabiex il-bettieħ ikun prodott u esportat bit-Tikketta Guadeloupe barra mill-istaġun tiegħu. B'hekk, il-bettieħ maħsud jintbagħat dakinhar stess bl-ajru lejn Franza metropolitana u jiġi kkummerċjalizzat mill-għada. Il-parti essenzjali tal-istrateġija ta' żvilupp ta' dak iż-żmien kienet li l-bettieħ jiġi prodott barra mill-istaġun meta mqabbel mal-istaġun Ewropew, jiġifieri minn Jannar sa Mejju.

It-tekniki tal-produzzjoni, ibbażati fuq enfasi fuq il-kwalità tal-prodott (għażla tal-varjetajiet, stadju ta' ħsad ottimali, fertilizzazzjoni kkontrollata, irrigazzjoni adattata, għażla stretta tal-frott waqt l-ippakkjar …) ġew żviluppati sew u ġew segwiti minn numru dejjem ikbar ta' operaturi.

Minn tmiem is-snin 80, il-"melon de Guadeloupe" seta' jidħol fis-suq Franċiż u dak Ewropew. Wara żieda fil-produzzjoni tal-bettieħ fis-sena 1989, din stabbilizzat ruħha għal produzzjoni totali ta' madwar 7 500 sa 8 000 tunnellati.

Illum, l-industrija tal-bettieħ tinkludi ħames strutturi għat-tqegħid fis-suq u l-bettieħ sar it-tielet prodott tal-esportazzjoni tal-Gwadelup wara l-banana u l-kannamieli.

5.2. *Speċifiċità tal-prodott:*

Kwalità ddeterminata

Il-bettieħ li l-produtturi tal-Gwadelup għażlu li jikkultivaw huwa l-bettieħ tat-tip Charentais isfar. Mit-tipi kollha ta' bettieħ huwa dak li jista' jivvalorizza l-iktar l-ispeċifiċità tal-art. Fil-fatt, dan huwa bettieħ, li minbarra r-rata għolja ta' zokkor li fih, għandu riħa tfuħ, aromi eċċezzjonali u anki togħma ta' misk f'ċerti varjetajiet. Il-frott tiegħu huwa l-iktar apprezzat minn dawk li jħobbu l-bettieħ.

Il-klima tal-Gwadelup, minħabba l-ispeċifiċità tagħha, twassal biex bosta varjetajiet li jikbru sew f'pajjiż bi klima moderata ma jkunux jistgħu jadattaw irwieħhom għall-Gwadelup. Il-produtturi tal-"melon de Guadeloupe" b'hekk jagħżlu, minn fost il-varjetajiet tat-tip Charentais isfar, dawk li jesprimu bl-aħjar mod il-karatteristiċi tagħhom fil-Gwadelup. Din l-għażla hija akkumpanjata minn tidwiq: b'hekk l-aromi tal-bettieħ, il-kulur u l-konsistenza tal-qalba jittieħdu inkunsiderazzjoni.

Stħarriġ imwettaq fost il-bejjiegħa bl-ingrossa u dawk bl-imnut li jixtru l-"melons de Guadeloupe" ippermetta li jiġi kkonfermat li dan il-bettieħ huwa meqjus bħala bettieħ ta' kwalità eċċellenti, konsistenti, li jżomm b'mod tajjeb, b'aromi u li konsegwentement jiddistingwi ruħu minn bettieħ li ġej minn bnadi oħrajn u li jinbiegħ fl-istess perjodu.

Il-"melon de Guadeloupe" huwa kkaratterizzat minn togħma ħelwa, bosta aromi u rwejjaħ ifuħu u minn qalba li tinħall. Din il-qalba żżomm partikolarment fit-tul. Ir-rata minima ta' zokkor hija ta' 12 Brix.

Għarfien li jissarraf b'metodu ta' kultivazzjoni adattat għall-kundizzjonijiet lokali

Il-produtturi għażlu li jwettqu biss kultivazzjoni fl-għelieqi, mingħajr kenn, sabiex il-bettieħ ikun jista' jieħu l-aħjar li jista' mill-potenzjalitajiet pedoklimatiċi tal-Gwadelup. Il-produtturi għażlu wkoll li jipproduċu l-bettieħ tagħhom fl-aħjar perjodi sabiex jiġu espressi l-aromi tal-frott, matul l-istaġun l-iktar niexef minkejja li l-produzzjoni tal-bettieħ tista' ssir matul is-sena kollha.

Huma adattaw il-ħdim tal-ħamrija skont il-potenzjalitajiet tal-ambjent. Fil-fatt, il-ħamrijiet partikolari u favorevoli għall-bettieħ li jinsabu fi Grande-Terre u f'Marie-Galante, biex iżommu l-kwalitajiet tagħha (stabbiltà, riżerva ta' ilma …), jeħtieġu li jinħadmu b'mod limitat u li jinħadmu biss meta l-ħamrija tkun niexfa. L-ispeċifikazzjoni b'hekk tinkludi dawn il-prattiki.

Barra minn hekk, il-produtturi ilhom għadd ta' snin jagħmlu sforzi fil-qasam tal-kontroll tal-fertilizzazzjoni, tal-irrigazzjoni u sabiex ikun limitat l-użu ta' erbiċidi kimiċi ħalli l-ħamrija u l-ilmijiet fuq il-livell lokali jiġu ppreservati. It-tekniki tal-kultivazzjoni huma msejsa fuq dawn il-punti.

Ir-reputazzjoni tal-"melon de Guadeloupe"

Diversi artikli ġurnalistiċi ta' tmiem is-snin 80 u tal-bidu tas-snin 90 diġà kienu jsemmu r-reputazzjoni tal- "melon de Guadeloupe", li huwa rikonoxxut bħala prodott ta' kwalità "mhux tal-istaġun" (meta mqabbel mal-Ewropa).

Minn tmiem is-snin 80, il-"melon de Guadeloupe" seta' jidħol fis-suq Franċiż u Ewropew. Illum, il-"melon de Guadeloupe" mhux tal-istaġun ma jeħtieġx reklami, huwa magħruf mad-dinja kollha u għadu jżomm il-pożizzjoni tiegħu.

B'hekk, il-listi tal-prezzijiet tas-suq internazzjonali ta' Rungis għall-bettieħ mhux tal-istaġun jiġu stabbiliti fuq il-bażi tal-bettieħ li joriġina mill-Gwadelup anki għal dawk li joriġinaw mill-Antilli Franċiżi, u dan jissarraf f'fama ikbar tal-produzzjoni tal-Gwadelup mhux biss f'termini ta' volum imma anki f'termini ta' kwalità.

Il-"melons de Guadeloupe" ġeneralment jiġu kkunsidrati bħala aħjar mill-bettieħ tal-istess perjodu li għandhom oriġini oħrajn, hekk kif is-suq jirrikonoxxi l-kwalitajiet u r-reputazzjoni ta' dan il-prodott. Dan seta' jiġi kkonfermat mill-istudju tal-prezzijiet ta' bejgħ tal-bettieħ Charentais b'oriġini differenti fis-suq internazzjonali ta' Rungis, mill-2000 sal-2006.

5.3. *Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DPO) jew il-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħra tal-prodott (għall-IĠP):*

Il-klima li wieħed isib fil-Gwadelup matul il-perjodu tal-"carême", tippermetti li fuq il-ħamrija taflija u tal-ġir ta' Grand Terre u ta' Marie Galante jiġi prodott bettieħ ta' kwalità b'mod naturali, fl-għelieqi. It-territorju ta' Grande Terre u ta' Marie Galante, minħabba l-klima niexfa u mirjieħa, il-viċinanza tal-baħar li tillimita s-sħana żejda u l-mard, u fl-aħħar nett il-ħamrija taflija u tal-ġir tiegħu, jiffavorixxi l-kisba ta' bettieħ ħelu b'bosta aromi partikolari. Barra minn hekk, il-preżenza sinifikanti tal-ġir fil-ħamrija tirriżulta fi frott li jżomm għal tul eċċezzjonali ta' żmien. Din l-art hija ferm adattata għall-bettieħ Charentais isfar, b'qoxra lixxa jew raffa, u kull tip jista' jiżviluppa l-potenzjalitajiet massimi tiegħu f'termini ta' aromi, ta' riħa tfuħ, ta' kulur tal-qoxra u ta' togħma.

Il-kwalità tal-bettieħ tinkiseb biss jekk wieħed joqgħod attent li kollox jieħu ż-żmien tiegħu, kemm fir-rigward tar-rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba' kif ukoll tal-preparazzjonijiet differenti tal-ħamrija stess, jew anki fil-mod li bih f'kull stadju veġetattiv tal-pjanta jitwassal l-ilma jew id-demel u bil-mod li bih titwettaq il-kultivazzjoni. B'hekk, l-għarfien tal-produtturi, kemm fil-ħdim tal-ħamrija kif ukoll fil-kura tal-uċuħ u l-ħsad ta' kuljum tal-frott, jippermettu li jkun hemm l-aħjar kwalità. Għażla bbażata fuq is-sens manwali, tal-mess, viżiv, u wkoll għażla attenta u stretta wasslet biex il-"melon de Guadeloupe" jittella' fuq livell superjuri, fejn illum huwa apprezzat mid-distributuri Ewropej kollha li jirrikonoxxu li din il-frotta żżomm eċċezzjonalment fit-tul wara l-ħsad, il-kontenut għoli ta' zokkor u bosta aromi, u konsegwentement jirrikonoxxu l-ispeċifiċità tagħha meta mqabbla ma' bettieħ b'oriġini oħrajn li jinbiegħ fl-istess perjodu.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott:**

(L-Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

https://www.inao.gouv.fr/fichier/CDCIGPMelonDeGuadeloupe.pdf

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel**

(2011/C 189/15)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ([1]). Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

DOKUMENT UNIKU

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**"SEL DE GUÉRANDE/FLEUR DE SEL DE GUÉRANDE"**

**Nru KE: FR-PGI-0005-0861-22.02.2011**

**IĠP ( X ) DPO ( )**

1. **Isem:**

"Sel de Guérande"/"Fleur de sel de Guérande"

2. **Stat Membru jew Pajjiż Terz:**

Franza

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel:**

3.1. *Tip ta' prodott:*

Klassi 1.8. Prodotti oħra tal-Anness I għat-Trattat (ħwawar, eċċ.)

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f'(1):*

Is-"sel de Guérande" u l-"fleur de sel de Guérande" huma mluħa tal-baħar li jinġabru manwalment u li ġejjin esklussivament mill-bwar salmastri mielħa ta' Presqu'île de Guérande. Dawn huma mluħa tal-baħar mhux irfinuti, mhux maħsula wara l-ġbir u mingħajr ma jiġu miżjuda addittivi. Huma magħmula essenzjalment minn kristalli tal-klorur tas-sodju, imma anki naturalment minn imluħa minerali oħrajn u minn oligoelementi ("trace elements").

Il-produzzjoni tas-"sel de Guérande" u tal-"fleur de sel de Guérande" hija msejsa fuq proċess naturali ta' konċentrazzjoni ta' melħ fl-ilma baħar li jiċċirkola fl-għadajjar tas-salini kollha, sakemm ikun hemm kristallizzazzjoni fl-għadira tas-salini finali msejħa l-"œillet" (kristallizzatur).

3.2.1. S e l d e G u é r a n d e

Is-"sel de Guérande" huwa melħ tal-baħar griż magħmul minn kristalli tal-melħ li jiffurmaw fil-qiegħ, magħmul minn tafal naturali, tal-għadajjar finali tas-salini. Huwa jinġabar manwalment fis-salmura tal-għadira finali tas-salini permezz ta' għodda speċifika. Wara l-ħżin u l-għażla, is-"sel de Guérande" jista' jiġi ppakkjat kif ikun, imnixxef, mitħun biex jinkiseb melħ ta' ċertu daqs u b'indewwa varjabbli.

3.2.2. F l e u r d e s e l d e G u é r a n d e

Il-"fleur de sel de Guérande" huwa magħmul minn kristalli ħfief, fini u li jitfarrku malajr li jiffurmaw fil-wiċċ tas-salmura tal-għadajjar finali tas-salini li jipproduċu melħ griż, taħt l-influwenza ta' kundizzjonijiet klimatiċi favorevoli (riħ u xemx). Il-"fleur de sel" jinġabar manwalment wara li jitneħħa mill-wiċċ tal-għadajjar finali tas-salini permezz ta' għodda speċifika qabel ma jippreċipita fil-qiegħ tal-għadajjar fejn ma jinġabarx iktar bħala "fleur de sel".

Il-"fleur de sel" jingħaraf mill-melħ griż minħabba l-kristallizzazzjoni tiegħu fil-wiċċ tal-għadajjar finali tas-salini u minħabba l-kulur bajdani tiegħu (nuqqas ta' kuntatt mal-qiegħ tal-għadajjar finali tas-salini). Wara l-ħżin u l-għażla, huwa jiġi ppakkjat kif ikun jew wara tnixxif parzjali li jtejjeb il-fluwidità tiegħu.

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

3.3. *Materja prima (għall-prodotti pproċessati biss):*

Mhux applikabbli.

3.4. *Għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss):*

Mhux applikabbli.

3.5. *Stadji speċifiċi fil-produzzjoni li għandhom iseħħu fiż-żona ġeografika identifikata:*

L-operazzjonijiet imwettqa fiż-żona ġeografika huma:

— Il-ġbir tas-"sel de Guérande" jew tal-"fleur de sel de Guérande"

— Il-ħżin "bl-ingrossa" tas-"sel de Guérande" jew tal-"fleur de sel de Guérande".

— L-ewwel ippakkjar li jippermetti li l-prodotti jkunu jistgħu jiġu ttraċċati (traċċabbiltà) jekk jiġu ppakkjati aktar wara barra miż-żona ġeografika.

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-tħakkik, l-ippakkjar, eċċ.:*

Mhux applikabbli.

3.7. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar:*

Is-"sel de Guérande" jew il-"fleur de sel de Guérande" għandu jiġi ppakkjat f'pakkett magħluq. It-tikketta tinkludi:

— l-isem tal-IĠP: "sel de Guérande" għall-melħ griż u għall-prodotti li jirriżultaw mit-tnixxif u mit-tħin tal-melħ griż; "fleur de sel de Guérande" għall-"fleur de sel".

— il-logo tal-IĠP u/jew il-kelmiet "Indication Géographique Protégée"

— l-isem u l-indirizz tal-"Organisme de Défense et de Gestion"

4. **Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika:**

Iż-żona ġeografika ddefinita tkopri 39 commune ta' Loire-Atlantique (ir-Reġjun Pays de La Loire) u seba' communes ta' Morbihan (ir-Reġjun Bretagne).

| Dipartimenti | Communes | | |
|---|---|---|---|
| Loire-Atlantique<br>*(39 Communes)* | Asserac<br>Batz-sur-Mer<br>Baule-Escoublac (LA)<br>Besne<br>Bouée<br>Campbon<br>Chapelle-des-Marais (LA)<br>Chapelle Launay (LA)<br>Croisic (LE)<br>Crossac<br>Donges<br>Drefféac<br>Guenrouët | Guérande<br>Herbignac<br>Lavau-sur-Loire<br>Malville<br>Mesquer<br>Missillac<br>Montoir-de-Bretagne<br>Piriac-sur-Mer<br>Pont-Château<br>Pornichet<br>Pouliguen (LE)<br>Prinquiau<br>Quilly | Saint-André-des-Eaux<br>Saint-Gildas-des-Bois<br>Saint-Joachim<br>Saint-Lyphard<br>Saint-Malo-de-Guersac<br>Saint-Molf<br>Saint-Nazaire<br>Sainte-Anne-sur-Brivet<br>Sainte-Reine-de-Bretagne<br>Savenay<br>Sévérac<br>Trignac<br>Turballe (LA) |
| Morbihan<br>*(7 Communes)* | Camoël<br>Férel<br>Nivillac | Pénestin<br>Roche-Bernard (LA)<br>Saint-Dolay | Théhillac |

5. **Rabta maż-żona ġeografika:**

5.1. *Speċifiċità taż-żona ġeografika:*

L-ispeċifiċità taż-żona hija bbażata fuq kriterji klimatiċi: il-preżenza tar-riħ u tax-xemx kif ukoll klima oċeanika bi xtiewi moderati u sjuf friski.

Hija bbażata wkoll fuq kriterji li jikkonċernaw il-ħamrija: il-bini ta' bwar salmastri mal-kosta jeħtieġ meded kbar taflija li jinsabu fil-limiti tal-livell tal-ogħla mareat filwaqt li jkunu għall-kenn mill-effetti tal-moviment tal-mewġ. Il-bwar salmastri ta' Guérande jinsabu fuq wara tal-linja tal-kosta. In-natura taflija tal-ħamrija (l-impermeabilità u l-malleabilità ta' dan it-tafal) tat lok biex il-bniedem jibni s-salini.

L-ispeċifiċità taż-żona hija bbażata wkoll fuq fatturi umani u fuq kriterji ta' użu: l-ewwel darba li s-salini tar-reġjun ta' Guérande ssemmew f'kitbiet kien fit-854 (il-"Cartulaire de Redon"). Wara żieda fil-bwar salmastri f'Guérande bejn is-sekli 10 u 14, in-numru ta' għadajjar finali tas-salini żviluppa b'mod konsiderevoli mis-seklu 16 biex laħaq il-quċċata tiegħu fis-seklu 19. Matul il-perjodu bejn l-1840 u l-1960 il-bwar salmastri naqsu. Mill-1970, il-produzzjoni tal-melħ reġgħet bdiet tiġi żviluppata fl-għadira tas-salini ta' Guérande. Is-salini sfruttati u t-tekniki tal-produzzjoni huma l-istess bħal dawk li kienu jintużaw matul is-sekli preċedenti. Ir-restawr tas-salini huwa bbażat fuq tekniki tradizzjonali. Fl-1979 inħoloq ċentru ta' taħriġ professjonali għas-sengħa ta' mellieħ fi Presqu'île de Guérande.

Minħabba li l-produzzjoni tvarja minn sena għall-oħra, il-kostituzzjoni tal-ħażniet hija, storikament u ekonomikament, strateġika għall-produtturi u għall-kummerċjanti tal-għadira tas-salini ta' Guérande. Tradizzjonalment, l-imħażen għall-melħ kienu jinsabu f'tarf is-salini. Iż-żona ġeografika tal-IĠP tinkludi l-communes fejn storikament kienu jinsabu dawn l-imkejjen għall-ħżin u minn fejn kienu jgħaddu l-bejjiegħa tal-melħ.

5.2. *Speċifiċità tal-prodott:*

Karatteristiċi speċifiċi:

Il-metodu ta' ġbir li jintuża fil-bwar salmastri ta' Presqu'île de Guérande jagħti lis-"sel de Guérande" u lill-"fleur de sel de Guérande" l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom:

fiżiċi: jitfarrak malajr, kulur li jagħti fil-griż tal-melħ (miġbur f'saff irqiq ta' salmura fl-għadajjar tas-salini b'qiegħ tafli), kulur naturalment bajdani tal-"fleur de sel de Guérande" ("cueillie (miġbur)" mill-wiċċ tal-għadajjar finali tas-salini qabel ma jinġabar il-melħ)

kimiċi: imluħa naturali mhux maħsula wara l-ġbir, mhux irfinuti u mingħajr addittivi, li ġejjin mill-baħar, u għalhekk fihom iktar minerali (manjeżju, kalċju u potassju) u oligoelementi, b'rata ta' ndewwa relattivament għolja

organolettiċi: mingħajr togħma qarsa jew taħraq.

Il-metodu tal-produzzjoni kif ukoll ir-reputazzjoni antika u dik attwali tas-"sel de Guérande" u tal-"fleur de sel de Guérande" jikkontribwixxu għaż-żamma tal-ispeċifiċità tagħhom.

Għarfien speċifiku:

Il-"paludiers" (il-mellieħa li jaħdmu fil-bwar salmastri) ta' Presqu'île de Guérande pperfezzjonaw teknika tal-produzzjoni li s-sisien tagħha huma waħda mill-iktar agrosistemi marittimi antiki tal-kosta Atlantika Franċiża kollha: l-istrutturi tas-salini hija speċifika għall-baċir ta' Guérande. Il-"paludier" jiġġestixxi kemm il-livelli tal-ilma kemm iċ-ċirkolazzjoni tiegħu fl-għadajjar tas-salini differenti sabiex ikun hemm konċentrazzjoni gradwali tal-melħ matul il-ġimgħat (billi fl-"adernes" (parti mill-bwar salmastri) tinżamm konċentrazzjoni ferm qrib tal-punt ta' kristallizzazzjoni), il-purifikazzjoni naturali tal-ilmijiet permezz ta' sedimentazzjoni, u fl-aħħar nett il-ġbir tal-prodotti.

Il-"fleur de sel" jinġabar manwalment mill-wiċċ tal-għadajjar finali tas-salini permezz ta' għodda speċifika: il-"lousse", li huwa strument użat mill-"paludiers" b'maqbad tawwali (operazzjoni msejħa "cueillette (ġbir)") qabel ma dan jippreċipita fil-qiegħ tal-għadajjar tas-salini.

Għas-"sel de Guérande", il-kristalli jinġabru fi grupp fin-nofs tal-għadajjar finali tas-salini, jitqarrbu lejn pjattaforma speċjali li bil-Franċiż tissejjaħ "ladure" (pjattaforma maħsuba għal dan il-għan fil-periferija tal-għadira finali tas-salini) u jittellgħu fuqha, permezz tal-għodda msejħa "las" (xorta ta' xatba wiesgħa). L-użu tal-"las" għandu l-għan li jikkawża moviment fis-salmura biex b'hekk il-kristalli li jkunu ddepożitaw irwieħhom fil-qiegħ tal-għadajjar finali tas-salini jiġu mċaqilqa mingħajr ma jkaxkru magħhom frak ta' tajn.

In-natura tal-prodotti, il-karatteristiċi tagħhom (it-tqattir meħtieġ mill-ilma, ma jitferrgħux b'mod faċli, il-fatt li malajr jerġgħu jixorbu l-indewwa tal-arja) jagħmlu mis-"sel de Guérande" u mill-"fleur de sel de Guérande" prodotti li l-ħżin u l-ippakkjar tagħhom jeħtieġu kemm għarfien kif ukoll kompetenzi speċifiċi. Għal finjiet ta' konsenja lil operatur jew biex jiġi ppakkjat il-"fleur de sel" mnixxef u fl-aħjar kundizzjoni possibbli, il-produtturi jwettqu l-ewwel ħżin (ħżin intermedju jew fażi ta' qabel il-ħżin) u għażla ta' dan il-prodott. Dan il-ħżin intermedju jseħħ għand il-produtturi li mhux bilfors jgħixu qrib il-bwar salmastri minħabba l-pressjoni mill-iskarsezza tal-art. Il-limiti taż-żona tal-IĠP jikkunsidraw din is-sitwazzjoni.

Reputazzjoni:

Il-karatteristiċi partikolari mil-lat ta' togħma u ta' nutrizzjoni tas-"sel de Guérande" u tal-"fleur de sel de Guérande" ilhom rikonoxxuti għal sekli sħaħ u jagħmluh il-melħ tal-gastronomi. L-interess tal-konsumaturi fir-rigward tas-"sel de Guérande" u tal-"fleur de sel de Guérande" huwa kkonfermat mill-istudji u mill-istħarriġ li twettqu mill-impriżi ta' kummerċjalizzazzjoni u l-bejjiegħa bl-imnut, u numru ta' sidien ta' ristoranti magħrufa u ta' impriżi tas-settur agroalimentari juru l-preferenza tagħhom għal dan il-melħ. Mijiet ta' artikli jsemmu s-"sel de Guérande" u/jew il-"fleur de sel de Guérande".

Mill-inqas mill-1698, diġà kien/u jissemma/jissemmew is-"sel(s) de Guérande". Jekk id-denominazzjoni "fleur de sel" tidher f'reklami tas-snin 30, huwa minn tmiem is-snin 70 li dik id-denominazzjoni saret komuni. Il-fama tal-ismijiet "sel de Guérande" u "fleur de sel de Guérande" akkumpanjat l-iżvilupp kummerċjali ta' dawn il-prodotti fi tmiem is-snin 80.

F'suq li fih għandek prodott ferm komuni, is-"sel de Guérande" kien il-pijunier tas-segmentazzjoni tas-suq tal-melħ li llum jidentifika l-"imluħa ta' oriġini".

5.3. *Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DPO) jew il-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħra tal-prodott (għall-IĠP):*

Il-ġbir tas-"sel de Guérande" jew tal-"fleur de sel de Guérande" jista' jsir biss fil-bwar salmastri li huma identifikati b'mod ċar bil-preżenza naturali tat-tafal u s-sitwazzjoni bejn il-livelli tal-marea għolja u baxxa tar-rebbiegħa. Il-kumplessità tan-netwerk idrawliku u l-arkitettura tas-salini huma elementi essenzjali tal-pajsaġġ u tal-għarfien ta' Guérande.

Il-metodu ta' ġabra li jintuża fil-bwar salmastri ta' Presqu'île de Guérande huwa differenti minn dak użat f'zoni oħra ta' produzzjoni mal-kosta Atlantika. Dan il-metodu ta' ġbir huwa kkaratterizzat mill-użu tal-attività tal-mareat, mill-użu ta' tliet tipi ta' għadajjar tas-salini li jiffavorixxu l-konċentrazzjoni tal-melħ, mill-frekwenza tal-ġbir, mill-ġbir tal-melħ fis-salmura u min-nuqqas ta' mekkanizzazzjoni fl-operazzjonijiet tal-ġbir.

Il-ħżin "bl-ingrossa" tas-"sel de Guérande" u tal-"fleur de sel de Guérande" jista' jsir biss fiż-żona tal-IĠP fejn jinsabu l-produtturi u l-operaturi tas-settur li għandhom għarfien speċifiku. L-ewwel ippakkjar magħluq u bit-tikketta, imwettaq fiż-żona tal-IĠP qabel mal-prodott jitlaq minn hemm, huwa wkoll indispensabbli sabiex ikunu ggarantiti l-oriġini u t-traċċabbiltà tal-prodotti.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott:**

(L-Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

https://www.inao.gouv.fr/fichier/CDCIGPSelDeGuerandeFleurDeSelDeGuerande.pdf

2011/C 189/11 Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Mejju 2011 li tħassar ċerti impenji fid-Deċiżjoni 98/526/KE fil-Każ IV/M.950 – Hoffmann-La Roche/Boehringer Mannheim fir-rigward tas-suq tas-sondi tad-DNA (Każ IV/M.950 – Hoffmann-La Roche/Boehringer Mannheim) *(notifikata bid-dokument numru C(2011) 2981 finali)* (1) ..... 31

2011/C 189/12 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6291 – CD&R Fund VIII/SPIE) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata (1) ..... 32

ATTI OĦRAJN

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 189/13 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ..... 33

2011/C 189/14 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ..... 37

2011/C 189/15 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ..... 42

MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 100 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 770 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 400 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | Eur 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT